

32006R1994

L 413/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.12.2006

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1994/2006****tas-27 ta' Diċembru 2006****li jistabbilixxi kwoti tariffarji Komunitarji għas-sena 2007, għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2529/2001 tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 (1) tiegħu,

Billi:

- (1) Kwoti tariffarji Komunitarji għal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż għandhom jinfetħu għall-2007. Id-dazji u l-kwantitajiet li hemm referenza għalihom fir-Regolament (KE) Nru 2529/2001 għandhom ikunu ffissati skont il-ftehimiet internazzjonali rispettivi fis-seħħ matul is-sena 2007.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 312/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jimplementa d-dispożizzjonijiet tat-tariffi tal-Komunità stabbiliti fil-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra <sup>(2)</sup> stipula kwota tariffarja bilaterali addizzjonali tal-2 000 tunnellata b'żieda ta' 10 % kull sena tal-kwantità oriġinali li għandha tinfetaħ għall-kodiċi tal-prodott 0204 mill-1 ta' Frar 2003. Għaldaqstant, għandhom jiżdiedu 200 tunnellata oħra mal-kwota tal-GATT/WTO għaċ-Ċili u ż-żewġ kwoti għandhom ikomplu jintużaw bl-istess mod matul l-2007.
- (3) Ċerti kwoti ta' tariffi għal laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż ingħataw lill-Istati AKP taħt il-Ftehim ta' Cotonou <sup>(3)</sup>.

- (4) Ċerti kwoti huma ddefiniti għal perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju ta' sena partikolari u jispiċċa fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Billi l-importazzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jitmexxew fuq bażi ta' sena kalendarja, il-kwantitajiet rispettivi li se jkunu ffissati għas-sena kalendarja 2007 fir-rigward tal-kwoti kkonċernati huma t-total ta' nofs il-kwantità għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Ġunju 2007 u nofs il-kwantità għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008.
- (5) Jeħtieġ li tiġi ffissata ekwivalenza għal piż ta' karkassi sabiex jiġi assigurat li jkun hemm tħaddim xieraq tal-kwoti tariffarji tal-Komunità. Barra minn hekk, billi ċerti kwoti tariffarji jipprovdu għall-għażla ta' importazzjoni jew ta' annimali ħajjin jew tal-laħam tagħhom, jinħtieġ fattur għall-konverżjoni.
- (6) Kwoti għal prodotti tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż, għandhom, permezz ta' deroga mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1439/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 rigward tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż <sup>(4)</sup>, jitħaddmu f'konformità mal-Artikolu 16(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2529/2001. Dan għandu jsir skont l-Artikoli 308a, 308b, u 308c(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju <sup>(5)</sup>.
- (7) Il-kwoti tariffarji skont dan ir-Regolament inizjalment iridu jitqiesu bħala mhux kritiċi fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 meta jitħaddmu minn sistema ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Għalhekk, l-awtoritajiet doganali għandhom ikunu awtorizzati li jċedu r-rekwiżit tas-sigurtà għal oġġetti li inizjalment ikunu ġew importati taħt dawk il-

<sup>(1)</sup> ĠU L 341, 22.12.2001, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2)

<sup>(2)</sup> ĠU L 46, 20.2.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 305/2005 (ĠU L 52, 25.2.2005, p. 6).

<sup>(3)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

<sup>(4)</sup> ĠU L 143, 27.6.1995, p. 7. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 272/2001 (ĠU L 41, 10.2.2001, p. 3).

<sup>(5)</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 883/2005 (ĠU L 148, 11.6.2005, p. 5).

kwoti skont l-Artikoli 308c(1) u 248(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. Minħabba l-partikolarijiet tat-trasferiment minn sistema ta' ġestjoni waħda għall-oħra, l-Artikolu 308c(2) u (3) ta' dak ir-Regolament ma għandux japplika.

- (8) Għandu jiġi ċċarat liema tip ta' prova li tiċċertifika l-orijini tal-prodotti għandha tiġi pprovduta mill-operaturi sabiex jibbenefikaw mill-kwoti tariffarji skont is-sistema li min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.
- (9) Meta operaturi jippreżentaw prodotti tal-laħam tan-nagħaġ lill-awtoritajiet doganali għall-importazzjoni, ikun diffiċli għal dawk l-awtoritajiet biex jistabbilixxu jekk dawn joriġinawx minn nagħaġ domestiċi jew minn nagħaġ oħra, li jiddetermina l-applikazzjoni ta' rati ta' dazju differenti. Huwa għalhekk xieraq li jkun hemm dispożizzjoni li l-prova tal-orijini tikkjarifika dan.
- (10) Skont il-Kapitolu II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman <sup>(1)</sup> u skont id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi <sup>(2)</sup>, l-importazzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati biss għal prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-proċeduri, regoli u verifiki tal-katina tal-ikel fis-seħħ fil-Komunità.
- (11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għan-Nagħaġ u l-Mogħoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Dan ir-Regolament jiftaħ il-kwoti ta' tariffi tal-Komunità għan-nagħaġ, mogħoż, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007.

#### Artikolu 2

Id-dazji doganali applikabbli għall-importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' nagħaġ, mogħoż, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0104 10 30, 0104 10 80, 0104 20 90, 0210 99 21, 0210 99 29 u 0204 li joriġinaw minn pajjiżi indikati fl-Anness għandhom ikunu sospiżi jew imnaqqa skont dan ir-Regolament.

#### Artikolu 3

1. Il-kwantitajiet, espressi fl-ekwivalenti ta' piż ta' karkass, għall-importazzjoni tal-laħam, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0204,

<sup>(1)</sup> ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

<sup>(2)</sup> ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1). Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1.

u ta' annimali ħajjin li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0104 10 30, 0104 10 80 u 0104 20 90, kif ukoll bħala d-dazji doganali applikabbli għandhom ikunu dawk kif stabbiliti fl-Anness.

2. Għall-għan tal-kalkolu tal-kwantitajiet ta' "ekwivalenza għal piż ta' karkassi" imsemmi fil-paragrafu 1, il-piż nett ta' prodotti tan-nagħaġ u l-mogħoż irid jiġi mmultiplikat bil-koeffiċjenti li ġejjin:

- (a) għal annimali ħajjin: 0,47;
- (b) għal ħaruf bla għadam u laħam tal-gidi bla għadam: 1,67;
- (c) għal laħam bla għadam tal-muntun, tan-nagħaġ u tal-mogħoż għajr dak tal-gidi u taħlitiet ta' kwalunkwe minn dawn: 1,81;
- (d) għal prodotti tal-laħam bil-għadam: 1,00.

"Gidi" jfisser ferħ ta' mogħża li ma għandux aktar minn sena.

#### Artikolu 4

Bħala deroga mit-Titolu II (A) u (B) tar-Regolament (KE) Nru 1439/95, il-kwoti tariffarji stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jitmexxew fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007. L-Artikolu 308c(2) u (3) ta' dak ir-Regolament ma japplikax. Ma hemmx bżonn ta' liċenzji tal-importazzjoni.

#### Artikolu 5

1. Sabiex tibbenifika mill-kwoti tariffarji stipulati fl-Anness, prova valida ta' orijini maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat flimkien ma' dikjarazzjoni doganali għal rilaxx għal moviment ħieles tal-oġġetti kkonċernati, jridu jiġu ppreżentanti lill-awtoritajiet doganali tal-Komunità. L-orijini tal-prodotti bla ħsara għal-kwoti tat-tariffi minbarra dawk li jirriżultaw minn ftehim għal tariffi preferenzjali, għandhom ikunu stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet li jkunu fis-seħħ fil-Komunità.

2. Il-prova tal-orijini msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun kif ġej:

- (a) fil-każ ta' kwota tariffarja li hija parti minn ftehim dwar tariffa preferenzjali, din għandha tkun il-prova tal-orijini kif stipulata fil-ftehim;
- (b) fil-każ ta' kwota tariffarja oħrajn, għandha tkun prova stabbilita skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 u, flimkien mal-elementi pprovduti f'dak l-Artikolu, id-dejta li ġejja:

— il-kodiċi NM (ta' lanqas l-ewwel erba' ċifri),

- in-numru jew in-numri tas-serje tal-kwota tariffarja kkonċernata,
- il-piż nett totali għal kull kategorija ta' koeffiċjenti kif stipulat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.
- (c) fil-każ ta' pajjiż li l-kwota tiegħu taqa' taħt il-punti (a) u (b) u huma magħqudin, għandha tkun il-prova msemmija fil-punt (a).
- Fejn il-prova tal-orijini msemmija fil-punt (b) hija ppreżentata bħala dokument ta' appoġġ għal dikjarazzjoni waħda biss għal rilaxx għal moviment ħieles, jista' jkun fiha diversi numri tas-serje. Fil-każijiet l-oħra kollha, għandu jkun fiha biss numru tas-serje wieħed.
3. Biex wieħed jibbenefika mill-kwoti ta' tariffi stabbiliti fl-Anness għal grupp ta' pajjiżi numru 4 għal prodotti li jaqgħu taħt kodiċi NM *ex* 204, *ex* 0210 99 21 u *ex* 0210 99 29 il-prova ta' orijini għandu jkollha, fil-kaxxa dwar deskrizzjoni ta' prodotti, waħda minn dawn li ġejjin:
- (a) "prodott/i tan-nagħaġ mill-ispeċi li mhumiex nagħaġ domestiċi".
- (b) "prodott/i mill-ispeċi li mhumiex nagħaġ domestiċi".
- Dawk l-indikazzjonijiet għandhom jikkorrispondu mal-indikazzjonijiet fiċ-ċertifikat veterinarju li jkun ma' dawk il-prodotti.
- Artikolu 6*
- Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.
- Għandu jibda jgħodd mill-1 ta' Jannar 2007.
3. Biex wieħed jibbenefika mill-kwoti ta' tariffi stabbiliti fl-Anness għal grupp ta' pajjiżi numru 4 għal prodotti li jaqgħu taħt kodiċi NM *ex* 204, *ex* 0210 99 21 u *ex* 0210 99 29 il-prova

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membri tal-Kummissjoni*

## ANNEX

## LAĦAM TAN-NAGĦAĠ U LAĦAM TAL-MOGĦOŻ

(ftunnellati (t) ta' ekwivalenza għal piż ta' karkassi)

## KWOTI TARIFFARJI KOMUNITARJI GĦALL-2007

Nru tal-Grupp tal-Pajjiż	Kodiċi NM	Dazju "Ad valorem" %	Dazju speċifiku EUR/100 Kg	Numru tas-serje skont "min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel"				Oriġini	Volum fis-Sena ftunnellati ta' ekwivalenza għal piż ta' karkassi
				Animali ħajjin (Koeffiċjent = 0,47)	Ħaruf mingħajr għadam <sup>(1)</sup> (Koeffiċjent = 1,67)	Laħam tal-muntun/tan-nagħaġ bla għadma <sup>(2)</sup> (Koeffiċjent = 1,81)	Karkassa u laħam bil-għadma (Koeffiċjent = 1,00)		
1	0204	Żero	Żero	—	09,2101	09,2102	09,2011	L-Arġentina	23 000
				—	09,2105	09,2106	09,2012	L-Awstralja	18 786
				—	09,2109	09,2110	09,2013	New Zealand	227 854
				—	09,2111	09,2112	09,2014	L-Urugwaj	5 800
				—	09,2115	09,2116	09,1922	Iċ-Ċili	5 800
				—	09,2119	09,2120	09,0790	L-Iżlanda	1 350
				—	09,2121	09,2122	09,0781	In-Norveġja	300
				—	09,2125	09,2126	09,0693	Greenland	100
				—	09,2129	09,2130	09,0690	Il-Gżejjer Faroe	20
				—	09,2131	09,2132	09,0227	It-Turkija	200
—	09,2171	09,2175	09,2015	Oħrajn <sup>(3)</sup>	200				
2	0104 10 30, 0104 10 80 u 0104 20 90. Għall-ispeċi "nagħaġ mhux domestiku" biss: ex 0204, ex 0210 99 21 u ex 0210 99 29	Żero	Żero	09,2141	09,2145	09,2149	09,1622	L-Istati AKP	100
				—	09,2161	09,2165	09,1626	L-Istati AKP	500
3	0104 10 30 0104 10 80 0104 20 90	10 %	Żero	09,2181	—	—	09,2019	Erga omnes <sup>(4)</sup>	92

<sup>(1)</sup> U laħam tal-gidi.<sup>(2)</sup> U l-laħam tal-mogħoż għajr tal-gidi.<sup>(3)</sup> "Oħrajn" tirreferi għall-oriġini kollha, inklużi l-Istati AKP u minbarra l-pajjiżi l-oħra msemmija f'din it-tabella.<sup>(4)</sup> "Erga omnes" tirreferi għall-oriġini kollha inkluż il-pajjiżi msemmija f'din it-tabella.